Avviż għall-attenzjoni tas-suġġetti tad-data li għalihom japplikaw il-miżuri restrittivi previsti fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012, kif implimentat mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1984 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja

(2016/C 418 I/02)

Qed tingħibed l-attenzjoni tas-suġġetti tad-data għall-informazzjoni li ġejja f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]):

Il-bażi legali għal din l-operazzjoni ta' pproċessar hija r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012 ([2]), kif implimentat mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1984 ([3]).

Il-kontrollur ta' din l-operazzjoni ta' proċessar hu l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea rrappreżentat mid-Direttur Ġenerali tad-DĠ C (Affarijiet Barranin, Tkabbir, Protezzjoni Ċivili) tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u d-dipartiment fdat bl-operazzjoni ta' proċessar hu l-Unità 1C tad-DĠ C li wieħed jista' jikkuntattja f'dan l-indirizz:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali
DG C 1C
Rue de la Loi 175
1048 Bruxelles/Brussell
BELGIQUE/BELGIË
posta elettronika: sanctions@consilium.europa.eu

L-għan tal-operazzjoni ta' proċessar huwa l-istabbiliment u l-aġġornament tal-lista ta' persuni soġġetti għal miżuri restrittivi f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 36/2012, kif implimentat mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1984.

Is-suġġetti tad-data huma l-persuni fiżiċi li jissodisfaw il-kriterji għall-elenkar kif stipulati f'dak ir-Regolament.

Id-data personali miġbura tinkludi d-data meħtieġa għall-identifikazzjoni tajba tal-persuna kkonċernata, id-Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet u kull data oħra marbuta ma' dan.

Id-data personali miġbura tista' tinqasam skont kif meħtieġ mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u l-Kummissjoni.

Mingħajr preġudizzju għar-restrizzjonijiet previsti fl-Artikolu 20(1)(a) u (d) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001, it-talbiet għal aċċess, kif ukoll it-talbiet għal rettifika jew oġġezzjoni jitwieġbu f'konformità mat-taqsima 5 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/644/KE ([4]).

Id-data personali tinżamm għal ħames snin minn meta s-suġġett tad-data jkun tneħħa mil-lista ta' persuni soġġetti għall-iffriżar tal-assi jew il-validità tal-miżura tkun skadiet, jew sakemm ikunu fis-seħħ il-proċedimenti tal-qorti f'każ li dawn ikunu nbdew.

Is-suġġetti tad-data jistgħu jirrikorru għand il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

([1]) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1
([2]) ĠU L 16, 19.1.2012, p. 1.
([3]) ĠU L 305 I, 14.11.2016, p. 1.
([4]) ĠU L 296, 21.9.2004, p. 16.